**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**Maġistrat Dr. Jean Paul Grech B.A., LL.D**
**M.Juris (Int. Law), Adv. Trib. Eccl. Melit**

**SENTENZA**

Mogħtija illum il-Ġimgħa, sitta (6) ta' Diċembru 2024

Kawża Nru 9423/2023

**Il-Pulizija**
**(Supretendent Joseph Busuttil)**

Vs

**Felicia Brincat**

Il-Qorti,

Rat l-akkużi miġjuba kontra **Felicia Brincat**, bint Emanuel u Emanuela nee' Briffa, imwielda Pieta, Malta nhar il-wieħed u għoxrin (21) ta' April 1963 u residenti 'Dallas' Flat 4, Triq il-Qawra, San Pawl il-Baħar, Malta detentriċi tal-karta tal-identita' bin-numru 236636(M) talli nhar l-erbgħa (4) ta' Ottubru 2023, u l-ġimgħat ta' qabel f'dawn il-Gżejjer:

(1) permezz ta' network jew apparat ta' komunikazzjoni elettronika għamlet użu mhux xieraq bih;[1]

(2) u aktar talli fl-istess dati, lok, ħin u ċirkostanzi użat kliem jew imġieba ta' theddid, abbużivi jew insolenti, jew esebixxiet xi materjal miktub jew stampat li kien ta' theddid, abbużiv jew insolenti jew xort'oħra ġabet ruħha b'dak il-mod, bil-ħsieb li b'hekk tqajjem vjolenza jew mibgħeda razzjali kontra xi persuna oħra jew grupp ta' persuni fuq bażi ta' ġeneru, identita' tal-ġeneru, orjentazzjoni sesswali, razza, kulur, lingwa, oriġini etnika, reliġjon jew twemmin jew opinjoni politika jew opinjoni oħra jew b'hekk ħloqt il-probbabilita' li, meta wieħed iqis iċ-ċirkostanzi kollha, titqajjem vjolenza jew mibgħeda razzjali.[2]

Rat l-atti kollha ta' dan il-proċediment u d-dokumenti preżentati;

Semgħet ix-xhieda prodotti mill-Prosekuzzjoni;

Semgħet ix-xhieda prodotti mid-Difiża;

Semgħet is-sottomissjonijiet finali tal-partijiet;

Ikkunsidrat;

---

[1] Artiklu 49(c) tal-Kap.399 tal-Liġijiet ta' Malta.
[2] Artikolu 82A tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Illi l-fatti tal-każ huma s-segwenti: nhar it-tmintax (18) ta' Ottubru 2023, il-Pulizija ta' kontra l-vizzji, rċievew kwerela mingħand il-Kummissjoni għad-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabbilita sabiex jittieħdu proċeduri kriminali fil-konfront tal-akkużata u kwalunkwe persuna rilevanti involuta fix-xandir. Dan għaliex nhar l-erbgħa (4) ta' Ottubru 2023 kien ixxandar programm bl-isem "Popolin" fuq l-Istazzjon Nazzjonali u allegatament kien hemm *hate speech* fil-konfront tal-Persuni b'Diżabbilita. Il-Pulizija wara pariri li ottjenew mill-Uffiċju tal-Avukat Ġenerali mexxew bil-proċeduri odjerni kontra l-akkużata.

Ikkunsidrat;

- **<u>It-Tieni Akkuża – Artikolu 82A tal-Kap. 9</u>**

Il-Qorti sejra tibda billi tevalwa t-tieni akkuża, dik maħruġa taħt l-artikolu 82A tal-Kap. 9. Dan l-artikolu jistablixxi li:

> *"82A.(1) Kull min juża kwalunkwe kliem jew imġiba ta' theddid, abbużivi jew insolenti, jew jesibixxi xi materjal miktub jew stampat li jkun ta' theddid, abbużiv jew insolenti, jew xort'oħra jġib ruħu b'dak il-mod, bil-ħsieb li b'hekk iqajjem mibegħda jew vjolenza kontra xi persuna oħra jew grupp ta' persuni fuq bażi ta' ġeneru, identità tal-ġeneru, orjentazzjoni sesswali, razza, kulur, lingwa, oriġini etnika, età, diżabilità,*

*reliġjon jew twemmin jew opinjoni politika jew opinjoni oħra jew b'hekk joħloq il-probabbiltà li, meta wieħed iqis iċ-ċirkostanzi kollha, titqajjem tali vjolenza jew mibegħda, għandu jeħel, meta jinstab ħati, il-piena ta' priġunerija minn sitt (6) xhur sa tmintax (18)-il xahar.*

*Iżda illi, għall-finijiet ta' dan il-Kodiċi, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma teħtieġx xort'oħra, "diżabilità" tfisser l-istess bħat-tifsira mogħtija lilha fl-artikolu 2 tal-Att dwar il-Konvenzjoni tal-Ġnus Magħquda dwar id-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabilità.*

*(2) Għall-finijiet tas-subartikolu (1) "vjolenza jew mibegħda" tfisser vjolenza jew mibegħda kontra persuna jew grupp ta' persuni f'Malta definiti b'referenza għall-ġeneru, identità tal-ġeneru,orjentazzjoni sesswali, razza, kulur, lingwa, oriġini nazzjonali jewetnika, età, diżabilità, ċittadinanza, reliġjon jew twemmin jew opinjoni politika jew opinjoni oħra."*

Eżami approfondit ta' dan l-artikolu sar mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza mogħtija fil-kawża fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Norman Lowell** deċiża fis-sebgħa (7) ta' Novembru 2003. F'dik is-sentenza l-Qorti spjegat li l-*actus*

*reus* jikkonsisti fl-użu ta' kliem ta' theddid, abbużivi jew insolenti. Dan l-att materjali irid ikun akkumpanjat mill-intenzjoni ta' dak li jkun li jqajjem vjolenza jew mibegħda kontra xi persuna oħra minħabba ir-razza jew oriġini etnika - f'dan il-każ minħabba diżabilita'. Il-Qorti tal-Appell Kriminali spjegat wkoll li għall-fini ta' sejbien ta' ħtija mhux neċessarju li b'għemilha l-persuna imputata tkun effettivament qajmet mibgħeda jew vjolenza razzjali iżda huwa suffiċjenti li l-kliem użat jkun tali li joħloq il-probabilita' ta' tali vjolenza jew mibgħeda. Il-probabilita' li l-kliem adoperat jista' jirriżulta fi vjolenza jew mibgħeda razzjali għandha tiġi evalwata fiċ-ċirkostanzi ta' fejn u fil-preżenza ta' min ikun intqal il-kliem.[3]

Il-Qorti tal-Appell kompliet iżżid:

> *"L-artikolu 82A ma jirrikjedix mibegħda razzjali effettiva bilfors biex jinkiser. Huwa bizzejjed li jkun hemm il-'probabilita''. Din il-kelma għandha nozzjoni differenti minn dik tac-'certezza'. Terga' u tgħid, il-kelma 'probabilita'' għandha konnotati ferm inqas qawwija mill-frazi 'beyond a reasonable doubt.'*
>
> *Huwa bizzejjed dak ic-cans li tinħoloq mibegħda razzjali bil-kliem li jingħad biex ikun soddisfatt dan l-element. Dattip ta' kliem issa qed jidħol f'konvenzjonijiet internazzjonali jew direttivi tal-Unjoni*

[3] Il-Pulizija v Jospeh Apap – 08.02.2018

*Ewropej. F'direttiva tal-Unjoni Ewropea dwar il-ħasil ta' flus daħlet saħansitra l-kelma 'suspett' – jigifieri li wieħed jista' jinsab ħati ta money laundering ukoll jekk ikollu biss 'suspett' li l-persuna li qiegħed jagħmel kuntatti magħha biex jipprovdilha servizz jista' jkun involut fil-ħasil tal-flus.*

*Fl-aħħarnett l-istess artikolu jinkludi l-frazi 'meta wieħed iqis ic -cirkostanzi kollha'. Il-Qorti qed tiddeciedi li jezistu cirkostanzi fid-diskors li jagħtu sinjal car ta' fejn ried jasal il-kelliem. Din hija kwistjoni ta' mhux biss x'intqal, fejn intqal izda ta' kif intqal specjalment meta wieħed jisma' – flok jaqra – id-diskors. Ma' dan għandu tizdied il-probabilita' tad-diffuzjoni estensiva permezz tal-internet."*

Eżaminati l-fattispecie tal-każ, din il-Qorti tirrileva s-segwenti:

(1) Il-Qorti kellha l-opportunita tara l-programm fl-intier tiegħu u l-Qorti ma jirriżultalhiex li l-akkużata qalet diskors fis-sens li l-persuni b'diżabbilita huma frott id-dnub. Dak li effettivament kienet qed tipprova tispjega l-akkużata – taqbel jew ma taqbilx magħha – huwa li kull tip ta' tbatija fid-dinja inkluż mard daħal minħabba dak li t-teoloġija isejjaħlu "id-dnub oriġinali" magħmul minn Adam u Eva. Hija u tipprova tiftaħ fuq dan il-punt, l-akkużata u membru ieħor tal-*panel* bdew jitkellmu fuq xulxin b'mod li l-

akkużata ma kellhiex opportunita tiċċara sew l-argument tagħha. Dan wassal sabiex ingħatat l-impressjoni żbaljata – anke forsi minħabba l-mistoqsijiet li kienu qegħdin jsiru lill-istess akkużata mill-preżentatur tal-programm – li l-akkużata kienet qed isostni li l-persuni b'diżabbilita huma frott id-dnub. Din l-impressjoni li l-akkużata kienet qed tgħid diskors f'dan is-sens kompliet tissaħħaħ b'riżultat ta' interventi li saru mill-pubbliku fejn attakkaw id-dikjarazzjonijiet tal-akkużata. Huwa każ klassiku ta' *confusion worse confounded*. Il-mistoqsija wkoll li bdiet tidher fuq l-iscreen *"Id-Diżabbilita hija frott id-dnub ?"* wkoll żdiedet ma' din il-konfużjoni.

Tant li dan id-diskors ma intqalx mill-akkużata li meta l-istess akkużata ġiet rinfaċċjata bl-intervent da parti ta' membru tal-pubbliku fejn ikkundanna l-"kliem" tagħha, hija ma tippruvax tiġġustifika dak li qalet **<u>iżda mill-ewwel tiċħad li hija kienet qed tesprimi ruħha fis-sens li persuni b'diżabbilita huma frott id-dnub</u>**: *"Le le, mhux veru ħanini mhux veru, m'għandhiex x'taqsam..... Le le mhux veru ħanini mhux veru, m'għandhiex x'taqsam, m'għandhiex x'taqsam."* F'punt minnhom tal-programm anke tagħmel riferenza għal qariba tagħha li għandha persuna b'diżabbilita fil-familja u tistqarr: *"Għax kienet fi dnub hi jaħasra ? Hi kienet innoċenti!"*[4] Dan fi sforz sabiex hija tipprova tiċċara l-argument tagħha. Sfortunatament din il-parti tal-programm spiċċat *a shouting match* bejn l-akkużata u membru ieħor tal-panel u l-akkużata ma kellhiex opportunita adegwata biex tipprova tispjega eżatt dak li hija kienet qalet, bil-konsegwenza li b'riżultat tal-konfużjoni li inħolqot ġie attribwit lilha kliem li hija effettivament ma qalitux. Anzi jidher

[4] 51:38 minuti tal-programm.

li l-akkużata ġiet misinterpretata f'dak li qalet. Il-preżentatur imbagħad waqqaf id-diskussjoni bil-konsegwenza li l-pubbliku baqa' bl-impressjoni ta' diskors li ma kienx intqal għaliex kjarifika vera u propja l-akkużata ma kellhiex opportunita li tagħmel.

Dan kollu jsib konferma fix-xhieda ta' Fr Stefan Attard, dekan tal-Fakulta tat-Teoloġija fi ħdan l-Universita ta' Malta. Fr Attard spjega kif ftit wara li ġie imxandar il-programm in kwistjoni, huwa kien ġie avviċinat mid-Dipartiment tal-Istudji dwar id-Diżabbilita biex flimkien mad-Dipartiment tat-Teoloġija tinħareġ stqarrija konġunta fejn tikkundanna l-kliem tal-akkużata u sabiex jiġi iċċarat li ma teżisti l-ebda rabta bejn id-diżabbilita u d-dnub. Din l-istqarrija inħarġet. Meta imbagħad xhur wara dan ix-xhud kellu opportunita li jara l-istess programm – għax sa dakinhar huwa kien qagħad biss fuq dak li kienu irrappurtawlu – huwa ixxokkja ruħu għax mill-programm ma kienx effettivament irriżulta dak li ingħad li kien intqal mill-akkużata. Anzi Fr Attard jasal biex jikkjarifika li: ***"Meta rajtu jiena għidt, l-ewwel sentiment tiegħi kien dan mhux differenti minn dak li tgħallem il-knisja kattolika, jiġifieri bħala tagħlim ma dehrlix li kien xi ħaġa straordinarjament barra minn dak li ngħidu aħna."***[5]

(2) Kif intqal aktar qabel sabiex tkun tista' tinstab ħtija għal din l-akkuża, il-kliem użat irid ikun tali li joħloq probbabilita li tista' titnissel mibgħeda lejn persuni b'diżabilita'. Din il-Qorti temmen li dan ma kienx il-każ odjern. Anke jekk kellu jitqies li l-kliem intqal da parti tal-akkużata, mhux talli ma

[5] Xhieda mogħtija fit-23 ta' Ottubru 2024.

tqanqlitx mibegħda kontra l-persuni b'diżabbilita iżda talli l-kliem kellu l-effett li **inħolqot stmerrija kontra l-istess akkużata għal dak li ġie attribwit lilha li qalet**. Dan irriżulta b'mod immedjat mir-reazzjoni tal-membri tal-pubbliku li kienu preżenti għall-programm. Infatti jinstema' ċapċip qawwi da parti tal-udjenza meta jsir intervent li fih membru tal-pubbliku jattakka d-dikjarazzjoni li huwa jgħid li saret mill-akkużata u ċioe li l-persuni b'diżabbilita huma frott id-dnub. Għalhekk element kruċjali għas-sejbien ta' ħtija huwa kompletament nieqes: mhux talli ma inħoloqx sens ta' mibegħda kontra persuni b'diżabbilita iżda talli d-diskors kellu l-effett kompletament oppost. Il-Qorti tagħmel riferenza għal dak rilevat mill-uffiċjal Prosekutur fis-sottomissjonijiet finali tiegħu: *"Jekk bniedem raġjonevoli fit-triq meta jisma' dak li qalet is-Sinjura Brincat tinħoloq jew il-probabbilita li tinħoloq rabja u jmur biex jagħmel ħsara lejn persuna b'diżabilita hemm mela sinjur Brincat trid tinstab ħatja.* ***Jekk le persuna raġjonevoli fit-triq the average person meta jisma dak li ħolqot hi tinħoloqlu rabja kontrieha jew ma tinħoloqlu rabja jew ma tinħoloqlux rabja xejn allura s-Sinjura Brincat ma tistax tinstab ħtija fiha sempliċi****."*

(3) L-Uffiċjal Prosekutur Joseph Busuttil meta ta x-xhieda tiegħu f'dawn il-proċeduri stqarr kif hu ma kienx konvint li kien hemm lok li jittieħdu proċeduri kriminali kontra l-akkużata. Infatti f'email mibgħuta lis-Superjuri tiegħu, huwa kien stqarr li: *"I am sceptic about the fact that one hears the interview it does not stir up violence against a disabled person or group of disabled persons."* Ikompli jsostni hekk il-posizzjoni tiegħu: *"Ok nies b'diżabilita taqa' taħt din il-liġi pero meta jiena smajt l-intervista ma dehrlix*

*li jiena jew xi ħadd jista' jgħaddilu ħsieb minn moħħu biex jagħmel ħsara lill-Persuni oħrajn."* Is-Supretendent Busuttil kien imbagħad għadda biex mexxa l-każ il-Qorti għaliex ingħata struzzjonijiet f'dan is-sens mill-Uffiċju tal-Avukat Ġenerali minkejja li għall-istess uffiċju dan kien definit *a borderline case*: ma kienx hemm ċertezza li seta' kien hemm reat. Huwa kien skjett f'dan ir-rigward: *"**jiena personali, li kieku jiena kelli nagħmel assessment u nieħu deċiżjoni jekk immurx il-Qorti kontra s-sinjura legalment jiena ma kontx imexxi. Jiena mort fuq li qalli l-AG**."*[6]

Tenut kont is-suespost għalhekk din il-Qorti temmen li kemm l-att materjali kif wkoll l-element intenzjonali rikjesti għall-sejbien ta' ħtija taħt l-artikolu 82A tal-Kap. 9 huma għal kollox nieqsa. Għalhekk din il-Qorti temmen li ma tistax tasal sabiex issib ħtija fl-akkużata għal dan ir-reat.

• **L-Ewwel (1) Akkuża – Artikolu 49 (c) tal-Kap. 399**

L-Artikolu 49 (c) tal-Kap 399 tal-Ligijiet ta' Malta jistabilixxi li: *"Kull min permezz ta' xi network jew apparat ta' komunikazzjoni elettronika – (ċ) jagħmel użu ieħor mhux xieraq bih, ikun ħati ta' reat taħt dan l-Att u jista', meta jinsab ħati, jeħel multa ta' mhux iżjed minn ħamsa u għoxrin elf euro u tlieta u sebgħin ċenteżmu (€25,000) u, fil-każ ta' reat permanenti, multa oħra ta' mhux iżjed minn ħames mitt ewro (€ 500) għal kull jum li matulu jkompli r-reat."*

[6] Xhieda mogħtija mis-Supretendent Joseph Busuttil fis-seduta tat-23 ta' Ottubru 2024.

Din il-Qorti temmen li hemm żewġ ostakoli prinċipali sabiex tinstab ħtija taħt dan l-artikolu. Fl-ewwel lok l-akkużata kienet sempliċiment mistiedna fuq programm televiżiv li kien qed jiġi organizzat minn xi ħadd ieħor. Hija ma kellha l-ebda involviment fl-organizzazzjoni tal-istess; sempliċiment ipparteċipat fi programm. Għalhekk hemm dubju kemm jisa' jingħad li hija bħala mistiedna kienet qed tagħmel użu minn network jew apparat ta' komunikazzjoni meta hija ma kellha l-ebda kontroll fuq l-istess.

Aktar importanti minn hekk jekk tabilħaqq intqal id-diskors li qed jiġi attribwit lill-akkużata, dan id-diskors fl-agħar ipotesi huwa kliem malafamanti jew inġurjuż. Għalhekk *se mai*, dan id-diskors kellu jwassal għall-azzjoni għal malafama jew inġurja skont l-Att dwar il-Midja u Malafama u mhux taħt l-artikolu 49(c) tal-Kap. 399. Infatti l-proviso għall-istess artikolu 49(C) jagħmilha ċara:

> *"Iżda sempliċi kliem malafamanti jew dikjarazzjonijiet imlissna jew ippubblikati fuq network ta' komunikazzjonijiet elettroniċi jew apparat u li jkunu jistgħu jagħtu lok għal azzjoni għal malafama jew inġurja skont l-Att dwar il-Midja u l-Malafama m'għandhomx jagħtulok għal reat taħt dan l-Att."*

Għalhekk in vista ta' dan il-proviso u tenut kont taċ-ċirkostanzi ta' dan il-każ, ir-reat indikat fl-ewwel akkuża huwa eskluż. Per konsegwenza lanqas ma tista' tinsab ħtija fl-akkużata għal din l-akkuża.

- **Decide**

Għaldaqstant għal dawn il-motivi, il-Qorti **mhux qiegħda issib lilll-akkużata Felicia Brincat ħatja** tal-akkużi miġjuba fil-konfront tagħha u qed tilliberaha minn kull ħtija u piena.

**Dr. Jean Paul Grech**

**Maġistrat**